Il-grajja tas-Sinjura ta' l-gholja tal-Karmelu tibda' eluf ta' snin ilu fi zmien it-Testment il-Qadim. L-gholja tal-Karmelu huwa isem ta' mintanja gholja imsemmija fil-Bibbja bhala l-post assjocjat mal-profeta Elija. Thares fuq l-art ta' Izrael u l-kosta sabieha mediterraneja. Aktar tard grupp ta' religjuzi eremiti marru jghixu fuq l-gholja tal-Karmelu u ddedikaw lilhom infushom ghat-talb sabiex ma jdumx ma jasal dak iz-zmien li fih tidher l-Imqaddsa Vergni Marija li kellha taghti id-dawl lis-Salvatur.



Matul iz-zminijiet tan-nofs, mijjiet ta' snin wara t-twelid u l-mewt ta' Kristu, l-Gholja tal-Karmelu kienet ghadha refugju ghal irgiel religjuzi moghtija ghall-qdusija – imsejha patrijiet – li kienu ghadhom mimlija bid-devozzjoni specjali lejn l-Madonna. Din id-devozzjoni qaddisa xterdet minn din il-muntanja f'Izrael sa ma xxettlet fl-Ewropoa fejn l-Ordni Kamelitana bdiet tikber. F'nofs is-seklu 13 patri karmelitan ingliz jismu Xmun Stock zar il-muntanja tal-Kamrelu u ghaddha bosta snin jghix ma' dawn il-patrijiet gewwa l-Art Imqaddsa.

Ghalkemm Xmun kien anzjan, kellu madwar 80 sena meta wasal, huwa kien attent biex jikber fil-qdusija. Imqanqal minn kif il-patrijiet kienu jitkellmu mis-Sinjura bhalma kavallier jonora lir-regina tieghu, huwa ddecieda li jxerred din id-devozzjoni ta' l-ordni tieghu.

Fis-sena 1247 huwa rega' lura gewwa Aylesforf gewwa l-Ingilterra u beda' biex jahdem halli jxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' l-Gholja tal-Karmelu madwar l-Ewropa kollha. Ghamel hafna progress, izda l-Karmelitani kienu oppressi u mcanfra u ppersegwitati kemm mill-lajci kif ukoll mill-membri tal-kleru ewropej li ma fehemux jew accettaw it-taghlim dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu li Xmun kien qed jippriedka.



Fis-16ta' Lulju tas-sena 1251, Xmun nizel gharkubtejh jitlob l-intercessjoni tal-Madonna. Il-Vergni Mbierka dehritlhu wieqfa fil-kappella liebsa l-ilbies tal-Karmelitani. Fuq driegh wiehed kienet qed izomm lil Kristu tfajjel u fl-ohra kienet qed izomm oggett tad-drapp imsejjah skapular li l-hsieb tieghu kien li kellu jintlibes madwar l-ghonq, b'naha wahda imdendla fuq is-sider u bl-ohra imdendla fuq id-dahar.

Filwaqt li tbissmitlu (issa Xmun kellu 86 sena) hija tatu l-iskapular jew labtu u qaltlu: "Ircievi, ibni, dan l-ilbies ta' l-ordni tieghek ….u kull min imut liebes dan il-labtu ma jarax it-telfien ta' ruhu. Ghandu jkun sinjal ta' salvazzjoni, protezzjoni fil-periklu u weghda ta' paci."

Xmun ried li jinhadmu hafna skapulari bhal dak li Marija Ssma tatu biex kull min jilbsu isib il-protezzjoni ta’ Marija.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu u l-labtu taghha jinkludu li wiehed jilbsu dejjem, jitlob kuljum specjalment bir-Ruzarju, jghix kast skont il-vokazzjoni tieghu u jkun qrib lejn Kristu u Ommu permezz tal-Quddiesa u s-sagramenti.

Sitt xhur wara l-Papa Innocent IV kiteb ittra ta’ protezzjoni favur il-Karmelitani u konsegwenza ta’ dan il-persekuzzjoni kontrihom naqqset.

Xmun Stock miet fis-sena 1265 fl-eta ta’ 100 sena, fix-xahar ta’Mejju, ix-xahar dedikat lil Marija u llum huwa maghrufa bhala qaddis.

Fis-sena 1322 Marija Ssma dehret lil Papa Giovanni XXII u kellmitu fuq l-iskapular li kienet tat lil San Xmun Stock. Qaltu li hija twieghed li bhala Omm il-Grazzja hija tehles mill-Purgatorju u tohodhom fil-hajja eterna, f’jum is-Sibt gheluq mewthom, lil dawk li jkunu gabu fuqhom tul hajjithom il-labtu tal-Karmnu.

